# QORTI CIVILI (Sezzjoni tal-Familja)

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

### Illum, it-Tlieta, 16 ta' Jannar, 2018

**Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1/18 TA**

**AB**

**vs**

**CD**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors ta' AB tat-3 ta' Jannar 2018;

Rat ir-Risposta tal-intimata CD prezentata waqt is-seduta tat-12 ta' Jannar, 2018;

Rat id-dokumenti kollha presentati fil-kors tas-smiegh tar-rikors;

Semghet lill-partijiet u lix-xhieda kollha prodotti;

Ikkunsidrat.

Qabel xejn il-Qorti ma tistax ma tinnotax li l-kaz huwa wiehed ghal kollox pjetuz. Kaz li huwa "sui generis", inkwantu din il-Qorti qeghdha tkun mitluba zzomm milli jkun implimentat id-Digret tal-Qorti fl-ittra ta' medjazzjoni fl-ismijiet inversi, fis-sens, li t-tifla minuri ma tibdiex tattendi fl-iskola taz-Zurrieq u tibqa' f'dik tal-Mosta (ara digriet a` fol 82).

Ghalhekk, barra mill-interessi tal-missier, hemm ukoll dawk ta' EF, tifla ta' disgha snin, bint il-partijiet fil-kawza. Jirrizulta ukoll, li l-mertu tar-rikors odjern huwa materja in disputa ta' kawza fl-istess ismijiet, li qed tinstema' mill-Qorti Civili presjeduta mill-Imhallef Robert Mangion, rikors numru 238 tal-2017. Fil-mori tal-istess, saret talba mir-Rikorrent AB permezz ta' rikors fl-atti tal-istess, fejn ir-Rikorrent qieghed in succint jitlob l-istess effetti li qed jitlob fir-rikors odjern (ara dokumenti esebiti permezz ta' nota fl-udjenza tat-12 ta' Jannar 2018).

Fl-ewwel lok jigi rilevat, li tajjeb jew hazin, id-digriet li qieghed jilmenta minnu r-Rikorrent, ilu li nghata mill-11 ta' Ottubru 2017. Kwazi ben tlett xhur qabel sar ir-rikors odjern. Din il-Qorti tifhem, li jista' jkun li l-prudenza ddettat, li dak li qieghed jintalab illum lil din il-Qorti permezz tar-Rikors odjern, ma setax jintalab mill-ghada tad-digriet, minhabba tentattivi biex dak li jkun jasal bil-kelma t-tajba. Izda jirrisulta, li kull tama ta' ftehim, jekk qatt kien hemm, evaporat mal-mument li giet presentata l-Kawza fuq imsemmija. Ghalhekk,

ma kien hemm xejn xi jzomm lir-Rikorrent, biex kontestwalment mal-Kawza imsemmija, jippresenta l-mandat ta' inibizzjoni in via kawtelatorja. B'hekk kienet titqieghed fic-cert il-posizzjoni tat-tifla ben qabel jibda l-perjodu skolastiku ta' wara l-Milied.

Dan qieghed jinghad, ghaliex il-mandat odjern gie presentat lejliet il-ftuh perjodu skolastika ta' wara l-Milied, meta kif jirrisulta mix-xhieda tar-rappresentanti tal-iskola taz-Zurrieq, it-tifla diga` bdiet tattendi f'din l-iskola (ara xhieda tal-istess moghtija fl-udjenza tat-12 ta' Jannar, 2018). Ghalkemm huwa minnu li s-Surmast tal-iskola tal-Mosta qal li ghad hemm post ghat-tifla inkwistjoni fl-iskola tieghu, huwa minnu ukoll, li bhala fatt, l-istess tifla diga` bdiet tattendi l-iskola l-ohra. Dan ifisser, li dak li qieghed jintalab biex ma jsirx, diga` sar.

Ghal ragunijiet li tafhom il-Qorti li tat id-digriet fl-atti tal-ittra ta' medjazzjoni fuq imsemmija, u li ghad-disposizzjoni taghha kellha rapport, ghalhekk munita b'aktar b'informazzjoni minn din il-Qorti, l-access tar-Rikorrent kif miftiehem fil-kuntratt ta' separazzjoni tat-3 ta' Frar 2017 fl-atti tan-Nutar David Joseph Borg (a` fol 43) gie akkorcjat ghal siegha u nofs darba fil-gimgha taht supervizjoni fl-Agenzija Appogg. Ikun utili li jigi puntwalizzat, li dik il-Qorti tat inqas hin ta' access lir-Rikorrent, minn kemm kienet lesta li tikkoncedi l-intimata fir-rikors taghha tal-11 ta' Lulju 2017. Din il-Qorti hija konvinta, li dik il-Qorti kellha r-ragunijiet validi taghha biex ghamlet dan,

ghalkemm huwa minnu ukoll li r-Rikorrent ma kellux ghad-disposizzjoni tieghu r-rapport li fuqu strahet dik il-Qorti, tant li hass li kellu jaghmel referenza Kostituzzjonali (ara digriet a` fol 111).

Ir-Rikorrent ilmenta ukoll, li meta t-tifla kienet tattendi l-iskola tal-Mosta kellha "one to one attention" peress li kellha adetta maghha LSA, ghaliex il-minuri ghandha kundizzjoni li taghmilha difficli ghaliha biex titghallem. Dan ikkonfermah is-Surmast tal-iskola tal-Mosta. Izda huwa fatt ukoll, li dan l-aspett gie indirizzat fl-iskola taz-Zurrieq kif xehdet l-ghalliema taghha ukoll fl-udjenza tat-12 ta' Jannar 2017. Anke f'din l-iskola qed tinghatalha din l-attenzjoni. Ghalhekk, bl-attendenza tat-tifla fl-iskola taz-Zurrieq, dan l-aspett gie indirizzat.

Fl-ahhar nett, irid jinghad, li fejn jirrigwarda l-interessi tar-Rikorrent inkwantu jolqot l-access tieghu ghat-tifla, tajjeb jew hazin, bil-posizzjoni kif inhi llum, fid-dawl tad-digriet tas-17 ta' Ottubru 2017, l-access ma ghadux jigi ezercitat kif maqbul bejn il-partijiet fil-kuntratt ta' separazzjoni fuq imsemmi, izda G’Mangia. Jigifieri fic-cirkostanzi, bil-fatt li t-tifla qed tattendi l-iskola taz-Zurrieq, l-access li kien ikollu meta kien jezercitah il-Mosta mhux qed ikun frustrat ghax dak l-access illum qed ikun ezercitat fl-Agenzija Appogg. Tant dan huwa minnu, li anke fir-Rikors fl-atti tal-kawza li hemm pendenti, talab lil dik il-Qorti, mhux li jkun sospiz id-digriet tas-17 ta' Ottubru 2017, izda dak

tal-11 ta' Ottubru 2017. Anke ir-Rikors odjern huwa limitat ghal dan l-ahhar digriet, kif jirrisulta mill-penultimu paragrafu ingrass tal-ewwel pagna tieghu.

Ghalhekk, li kieku din il-Qorti kellha tilqa' it-talba tar-Rikorrent, it-tifla minuri ser ikollha f'gimgha wahda taghmel vjagg triplu: dak ghall-iskola tal-Mosta u lura lejn iz-Zurrieq u darba fil-gimgha, u oltre` dawk appena imsemmija, iehor miz-Zurrieq ghal G'Mangia u lura lejn iz-Zurrieq. Sakemm ma jkunx hemm decizjoni finali mill-Qorti li giet adita biex tisma' l-kaz, ma jidhirx li huwa fl-interess tal-minuri li tghaddi minn dan l-iskarigg. F'kaz ta' ezitu favorevoli ghar-Rikorrent f'dik il-Kawza, allura trid tkun dik il-Qorti li tipprovdi dwar il-modalitajiet tal-access mir-Rikorrent ghall-minuri u kif ukoll fejn ghandha tattendi skola l-imsemmija tifla. Izda sakemm jasal dak il-mument ma jidhirx li huwa fl-interess tal-minuri li tigi disturbata s-sitwazzjoni attwali.

Fejn jidhlu l-interessi tal-minuri, din il-Qorti ma hiex marbuta rigiditament bir-regoli tal-procedura, tant li l-artiklu 149 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta jaghti setghat wiesgha lill-Qrati biex iharsu lill-minuri. F'dan ir-rigward issir referenza ghal dak li gie osservat mill-Qorti fis-**Sentenza tat-30 ta' Gunju 2015 Citazzjoni Numru: 173/2014 fl-ismijiet A sive B C -vs- D sive E C per Imhallef Robert Mangion** fejn intqal hekk:-

> “*Fil-fehma tal-Qorti l-Artikolu 149 in dizamina jaghmilha cara illi fejn jikkoncerna l-interess suprem tal-minuri idejn il-Qorti mhiex imxekkla b’regoli*

> *stretti ta' procedura. Difatti l-annotazzjoni fil-margni ghal dan l-artikolu li bl-Att XLVI tas-sena 1973 kien issostitwixxa artikolu iehor, jaqra kif gej: "Setgha tal-qorti li taghti ordnijiet minkejja disposizzjonijiet ohra". Hija ghalhekk tal-ferma konvizzjoni illi fejn jidhlu d-drittijiet u l-interess suprem ta' minuri, il-Qrati taghna ghandhom diskrezzjoni wiesgha hafna u ma humiex imxekkla minn regoli ta' procedura rigoruza. Addirittura l-Qorti tal-Familja ghandha s-setgha li tiehu kull provvediment fl-ahjar tal-minuri anke jekk hadd mill-partijiet ma jkun ghamel talba fir-rigward.*"

Barra minn hekk, kif diga` accennat aktar 'l fuq, it-tifla diga` qed tattendi l-iskola taz-Zurrieq u kwindi l-ghemil li qed jitlob li titwaqqaf taghmel il-konvenuta, diga` sehh. Il-mandat ta' inibizzjoni huwa mehtieg qabel, u mhux wara li jsehh il-fatt. Aktar minn hekk, wara li l-Qorti qieset ic-cirkostanzi tal-kaz, ma jirrisultalhiex li jikkonkorru l-elementi rikjesti mil-ligi biex jintlaqghu t-talbiet tar-rikorrent.

Fl-ahhhar nett, din il-Qorti trid taghmilha cara li l-osservazzjonijiet li qed taghmel f'dan ir-Rikors jirreferu ghall-proceduri odjerni biss, u li b'ebda mod ma ghandhom jirriflettu jew jincidu kemm fuq il-kawza li istitwixxa r-Rikorrent u l-anqas fuq ir-referenza Kostituzzjonali fuq imsemmija.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghdha tichad it-talbiet kollha tar-Rikorrent AB, fir-Rikors tieghu tat-3 ta' Jannar 2018.

Spejjes ta' dawn il-proceduri jibqghu riservati ghad-decizjoni finali li ghandha tinghata fir-Rikors numru 238/2017RGM.

Moghti kameralment illum, 16 ta' Jannar, 2018.

**Imhallef Toni Abela LL.D.**